MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 483/2008

**Go p.l.c.**

**vs**

**Conrad Zammit u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Marzu, 2009 giet ordnata il-kjamat in kawza ta' Simon Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u disghin centezmu (€856.95), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku li jgibu n-numru 21470912 u 21470919 (AC 40073662), skont diversi kontijiet mibghuta lilu. Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

Mal-avviz gew annessi is-segwenti *invoices*:

IZY 1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40073662
IZY 2 applikazzjoni ghas-servizz telefoniku 21470912
IZY 3 applikazzjoni ghas-servizz telefoniku 21470919

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-kontijiet u l-linji tat-telefon *de quo* qatt ma applika ghalihom hu, imma applika haddiehor f'ismu *ad insaputa* tieghu, kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Ra li l-konvenut sussegwentement talab li jigi kjamat fil-kawza Simon Zammit, li deher personalment quddiem dan it-Tribunal u ammetta li kien debitur tas-socjeta' attrici u li hu kien dispost li jhallas dan l-ammont, ghaliex kien hu li effettivament kien applika ghal dan is-servizz.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

It-Tribunal, ghandu sitwazzjoni fejn is-*subscriber* mas-socjeta' attrici juri li kien il-konvenut, li pero' jinsisti li l-applikazzjoni ma kienitx saret minnu, izda minn haddiehor li kien uza ismu, u jirrizulta li kien zijuh, Simon Zammit.

Meta ssir applikazzjoni, jinholoq ftehim bejn is-socjeta' attrici u terza persuna, li ser tinghata servizz u trid thallas ghal tali servizz.
Il-debitur dejjem jibqa' dik il-persuna li tiffirma l-istess ftehim u tobbliga ruhu li qed taghmel uzu minn dan is-servizz li jkun qed jigi provdut.

Huwa car u manifest mill-fatti li l-konvenut, ma kienx effettivament applika, izda kien zijuh, li jammetti li kien uza' isem falz. Il-konvenut ghalhekk ma jistax jitqies bhala l-persuna li dahlet f'kuntratt mas-socjeta' attrici anki jekk jidher ismu.

Ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim ghall-modalitajiet tal-pagament, minhabba li kien hemm arretrati u l-istess kont ma kienx qed jithallas regolarment.

Jibqa' l-fatt, li r-*registered subscriber*, juri isem l-konvenut Conrad Zammit. Pero' dan m'ghandux jinfluwixxi fuq l-ezitu tal-kawza stante l-ingann da parti tal-kjamat in kawza Simon Zammit li huwa l-persuna li ghandha tigi ritenuta responsabbli. Wara kollox huwa ammetta tali dejn.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, kif ukoll l-eccezzjoni tal-konvenut, filwaqt li tiddikjara lill-kjamat fil-kawza, Simon Zammit bhala debitur tas-socjeta' attrici ta' tmien mija u sitta u hamsin Euro u hamsa u disghin centezmu (€856.95), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku li jgibu n-numri 21470912 u 21470919 (AC 40073662), skont diversi kontijiet mibghuta lilu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------